SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 2809

Illum it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 2708 li saret nhar is-Sibt, 25 ta' April 2009 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

**1.1.1** Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-minuti tal-laqgħa preċedenti kienet irċievithom dak inhar stess tal-laqgħa. Hija pproponiet li dawn għandhom jaslu qabel biex ikun hemm iċ-ċans li wieħed jilħaq jaqrhom qabel il-laqgħa. Is-Sindku qabel mal-Kunsilliera Galea u ġibet l-attenzjoni tas-Segretarja Eżekuttiva dwar dan. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-minuti dejjem jintbagħtu mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-laqgħa. Minn dokument li nħareġ mis-*sent items* tal-*emails* irriżulta li l-minuti kienu ntbagħtu t-Tnejn, 24 ta' Mejju fit-3.36p.m. Is-Sindku qal li kien jirtiera dak kollu li kien qal lis-Segretarja Eżekuttiva.

**1.1.2** Il-Viċi Sindku tkellem dwar xi marki tat-toroq li kellhom isiru u staqsa għala dawn għadhom ma sarux u ppropona li jsir eżerċizzju mill-Kunsilliera stess biex jidentifikaw is-sinjali tat-toroq li għandhom bżonn manutenzjoni. Is-Sindku qal li l-Koperattiva Tabelli u Sinjali għandhom jagħmlu eżerċizzju madwar il-lokalita' u jagħmlu wkoll it-tabelli li jdawwru l-lokalita' għax hemm waħda nieqsa u l-oħrajn iċċaraw.

**1.1.3** Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-NRDA ma ġiex xolt. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jibqa' fl-NRDA u xorta waħda jitlob biex jingħaqad fil-proġett *Leader*. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tikteb liċ-Chairman tal-proġett *Leader* f'dan ir-rigward.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1. *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' April 2009 u t-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

**2.2.1** ***Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- 567/09/O – Supretendent, Għassa tal-Pulizija – Sparar tal-Festi
- 578/09/O – Chairperson ETC – *Community Work Scheme*
- 580/09/O – *Transport Strategy Unit – Proposed Public Transport Network*
- 592/09/O – *Traffic Management Directorate – Parking in* Santa Luċija

- 599/09/O – SHDJC – Tiġdid tal-kuntratt dwar manutenzjoni tad-dawl tat-toroq u Kumitat Konġunt SHDJC

- 600/09/O – Kummissjoni Nazzjonali Perusni b'Diżabilita' – *Reserved parking* f'Misraħ Dorell

- 620/09/O – *Traffic Management Directorate – New Pavement in* Triq Ġuljetta Lopez

- 628/09/O – L-Onor. Dr Chris Said – Tqassim tar-Reġjuni Ġodda

- 634/09/O – L-Onor. Dr Chris Said – *Memo* 24/2009 Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet.

- 646/09/O – *Superintendence of Cultural Heritage – Hypogeum in* Triq il-Lellux

- 647/09/O – *Mepa Case Officer – Tea Room*

- 648/09/O – MICS – *Work placement*

- 649/09/O – Direttur Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Bye-Laws* Dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'

- 720/09/O – Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment – manutenzjoni tal-Ġnien Ċiniż

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 522/09/I – OASI *Foundation* – Żagħżugħ/a tas-Sena 2009

- 581/09/I – Kumitat Konġunt Dwal tat-Toroq – is-sitwazzjoni tas-S.H.D.J.*Committee*

- 602/09/I – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ – Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

- 614/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 28/2009 *Enterprise Support Award* u *Green Challenge Award*

- 708/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Pubblikazzjoni ta' Avviż Leġali Nru. 144 ta' l-2009 (Ġemellaġġi)

- 715/09/I – Kumitat Konġunt Dwal tat-Toroq – Kuntratt għall-Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq

- 724/09/I – Residenta – ittra ta' ringrazzjament
- 677/09/I – Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika
- 650/09/I – Kumitat b'risq il-vittmi tat-terrimot f' L'Aquila

## 2.3 ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- Avviż Legali Numru 144 ta' 2009 - Ġemellaġġi

## 3. PUNTI MQAJMA

3.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 522/09/I il-Kunsill qabel li tingħata donazzjoni ta' €116.00 b'risq il-fondazzjoni OASI bħala *sponsership* fl-attivita' *Youth of the Year* 2009.

3.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 602/09/I u 715/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill bis-sitwazzjoni preżenti tal-Kumitat Konġunt Dwal tat-Toroq. Huwa spjega li l-laqgħa li matulha kellhom jinfetħu t-*tenders* u li kellha ssir fit-23 ta' April 2009 ma saritx għax ma kienx hemm *quorum*. Huwa qal li issa l-Kumitat Konġunt ġie estiż sa l-aħħar ta' Ġunju u l-Kuntrattur Nexos ser jibqa' jagħti s-servizz tiegħu sa dak iż-żmien.

3.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 602/09/I il-Kunsilliera Paulette Gafa` ġiet inkarigata minn din l-inizjattiva. Għandu jinħareġ l-avviż fuq in-*notice boards* tal-Kunsill biex dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw jinfurmaw lil Kunsill sad-data stabilita' fl-avviż.

3.4 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 614/09/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-*Green Challenge Award* permezz tal-proġett tal-*Picnic Area*.

3.5 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 724/09/I is-Sindku qara ittra ta' ringrazzjament minn residenta li attendiet għal konferenza li organizza l-Kunsill bejn id-9 u l-11 ta' April 2009.

3.6 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 677/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika kien bagħat ċekk bl-ammont ta' €2500.00 bħala parti mill-ħlasijiet għal kontravenzjonijiet illi nħarġu qabel l-1 ta' Jannar 2005 (*pre-pooling*).

3.7 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 650/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar kunċert li qed jiġi organizzat mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin b'risq il-vittmi tat-terremot f' L'Aquila. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba li qed issir mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin biex issir kontribuzzjoni finanzjarja. Għaldaqstant għandha tingħata kontribuzzjoni ta' €116.00 b'risq il-vittmi tat-terrimot.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Reġjuni ġodda*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar ittra li kiteb lil Onor. Dr Chris Said dwar kif ġew imqassma r-reġjuni l-ġodda. Huwa qal kif f'isem il-Kunsill xtaq juri d-diżappunt tiegħu dwar il-fatt li l-lokalita' ta' Santa Luċija inqgħatet minn Ħal Tarxien u minn Raħal Ġdid, żewġt irħula li magħhom hemm rabtiet kbar anki mill-att storiku.

### 4.2 *Sit Arkeoloġiku*

Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Europea – *Rural Development Fund* li ħejja l-Kunsill biex isir żvilupp fil-proġett tas-sit arkeoloġiku li hemm fi Triq il-Lellux. Huwa qal li l-Kunsill kien informa lis-*Superintendance of Cultural Heritage* li kien interessat li jiffirma *Guardianship Deed* fir-rigward tas-sit imsemmi.

### 4.3 *Tea Room*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi dwar il-proġett tat-*Tea Room*. Huwa qal li jidher li nbidel il-*case officer* li kien inkarigat mill-applikazzjoni tal-Mepa dwar il-proposta tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-Perit Grech ser iħejji d-dokumenti neċessarji biex ikun hemm bidla fil-perit tal-proġett peress li nbidel il-perit tal-Kunsill.

### 4.4 *Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku qal li kien kiteb lil Onor. Tonio Fenech dwar il-bżonn li ssir rinovazzjoni ta' l-istrutturi li hemm fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li issa wara aktar minn tnax-il sena dan il-ġnien għandu bżonn ta' restawr professjonali. Is-Sindku qal li kien ippropona wkoll li fuq in-naħa ta' wara tal-Ġnien jinbena *pavilion* akbar biex iservi ta' ċentru ta' kultura u informazzjoni kemm għal Maltin u kemm għat-turisti li jżuru dan il-Ġnien.

### 4.5 *Work Placement*

Il-Kunsill ġie nfurmat li kien ser ikun hawn studenta mill-kumpanija MICS biex tagħmel *work placement* ta' erba' ġimgħat fl-uffiċċju tal-Kunsill.

### 4.6 *Public Transport Network*

Is-Sindku tkellem dwar il-*Public Transport Network* u kif din ser tolqot lir-residenti ta' Santa Luċija. Huwa qal li wara li ra l-kontenut tas-CD/DVD li turi r-rotta u l-*bus stops* f'Santa Luċija ħass li kellu jibagħt ittra lit-*Transport Strategy Unit* fejn infurmhom li residenti minn naħa t' isfel ta' Santa Luċija ser jintlaqtu ħażin bir-rotta li qed tiġi proposta. Huwa qal li jħoss li l-Ministeru ta' l-Infrastruttura Trasport u Komunukazzjoni għandu jikkonsulta mar-residenti qabel jimplimenta din is-sistema.

### 4.7 *Sparar tal-festa*

Il-Viċi Sindku semma l-isparar tal-festa u l-andament għal din is-sena. Fil-kummenti tiegħu qal li l-anqas biss kien hawn *fire engine* u l-isparar ma kienx anqas mis-snin ta' qabel.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2538 sa numru BOV2590 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar t'April 2009 CM28(01) u CM28(02).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 2709.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar t' April 2009 | Ammont *Gross* | €8154.49 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar (Sindku) | (ADSL - April 09) | €20.33 |
| Frederick Cutajar (Sindku) | (Użu ta' trasp.pers. - April 09) | €82.25 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' trasp.pers. - Mejju 09) | €13.52 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu tal-mob.pers. - April 09) | €35.10 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (Użu tal-mob.pers. - Mejju 09) | €32.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ammont € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv. April 09 | 1131.53 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES April06 | 73.83 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor April 09 | 186.07 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX April 09 | 90.42 |
| Paul Cutajar | RC(57/07/02) | Serv.April 09 | 1390.06 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.April 09 | 2061.50 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job Sheet No.8606 | 398.23 |
| Public Cleansing Dept. | PC57 | Serv.April 09 | 491.35 |
| MSD | Plumbing | O9/0132 PLU | 1221.75 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job.Sheet No.8602 | 718.26 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job sheet No.8627 | 1830.24 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job Sheet No.8607 | 190.11 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job Sheet No.8604 | 124.07 |

## 6. SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kuntrattur eżistenti ma riedx ikompli bil-kuntratt sakemm jinħareġ *tender* ġdid. Huwa qal li minn nhar it-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2009 il-Kunsill ser ikollu jikri servizz t' emerġenza u ppropona li l-Kunsill jikkunsidra ż-żewġ kwotazzjonijiet li kienu ġew sottomessi minn żewġ kuntratturi meta nħareġ avviż mill-Kunsill f'Marzu li għadda. Huwa fakkar li dak inhar il-Kunsill kien ħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal servizz ta' tlett xhur peress li kienu għadhom ma ħarġux l-*ispecific conditions* biex tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsill ikkunsidra dawn il-kwotazzjonijiet u fid-deċiżjoni tiegħu il-Kunsill għażel li jilqa' l-orħos offerta jiġifieri dik tal-Kuntrattur Ronald Bezzina. Ġie deċiż ukoll li dan is-servizz għandu jingħata mit-Tnejn sal-Ħadd minbarra nhar ta' Tlieta meta jinġabru biss il-boroż il-griżi. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ avviż bil-ġranet u ħin speċifiku meta wieħed jista' joħroġ l-iskart, liema avviż għandu jitqassam lir-residenti kollha inkluż lil tal-ħwienet.

## 7. KUNTRATT (RM/PF)57/09/02

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport li tħejja mill-perit tal-Kunsill dwar l-offerti li ntefgħu għal kuntratt hawn fuq imsemmi. Għal dan il-kuntratt intefgħu ħames offerti. Il-Kunsill qabel li joqgħod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit li l-kuntrattur Karmig Trading kellu l-orħos rati għal xogħol ta' *upgrading* ta' bankini. Il-Kunsill qabel li jinħareġ kuntratt ieħor għar-*resurfacing* ta' toroq li jkun jinkludi wkoll xogħol ta' *major patching*.

## 8. SERVIZZ TA' INSURANCE

Waqt din il-laqgħa nfetħu l-kwotazzjonijiet għal servizz ta' *insurance* li nġabru wara li deher avviż fil-*Malta Independent* ref: (Q/57/09/02). Għal din is-sejħa ntefgħu erba' kwotazzjonijiet. Is-Segretarja Eżekuttiva ġiet inkarigata tħejji *adjudication report* fir-rigward ta' dan it-*tender*. Is-Sindku Frederick Cutajar informa l-Kunsill li ser jastieni milli jkun parti mid-deċiżjoni peress li waħda mill-kwotazzjonijiet hija ta' *Allcare Insurance Agency* li tagħha huwa *sub-agent*. Peress li l-Kuntratt kurrenti tas-servizz ta' *insurance* jagħlaq fl-aħħar ta' Mejju 2009 il-Kunsill qabel li dan jiġġedded għal ħmistax-il ġurnata biex il-Kunsill ikollu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi.

## 9. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL 2009 – 2010

Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet kollha li jiġu organizzati mill-Kunsillieri matul is-sena. Huwa qal li dawn għandhom ikunu ppjanati minn qabel għal perjodu bejn l-1 t' Ottubru 2009 u t-30 ta' Ġunju 2010. Għaldaqstant kull membru tal-Kunsill ġie mħeġġeġ iħejji pjan t'attivitajiet għal perjodu msemmi.

## 10. ĠEMELLAĠĠ MA' LUMPIAQUE (SPANJA)

Is-Sindku rrefera għal Avviż Legali numru 144(Ġemellaġġi) u rrefera għat-tifsira li qed tingħata għal kelma "ġemellaġġ" li hija "ftehim ta' ħbiberija, koperazzjoni jew assoċjazzjoni ukoll meta l-ftehim ma jissejjaħx espressament ġemellaġġ". Huwa rrefera għal ftehim ta' koperazzjoni li sar bejn il-lokalita' ta' Gabiano fl-Italja li kien jinkludi wkoll il-muniċipalita' ta' Lumpiaque fi Spanja. Huwa semma wkoll li dan il-ftehim kien ġie mġedded f'Malta waqt konferenza li għaliha ppparteċipaw dawn iż-żewġ lokalitajiet. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda l-proċess kif indikat fl-att imsemmi fejn jirrigwarda ġemellaġġ ma' Lumpiaque peress li l-Kunsill diġa għandu l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal ġemellaġġ ma' Gabiano.

## 11. APPLIKAZZJONI GĦAL FONDI TA'L-EU TAĦT IR-*RURAL DEVELOPMENT FUND*

Is-Sindku ta informazzjoni dwar iż-żewġ applikazzjonijiet li tħejjew u li permezz tagħhom il-Kunsill jista' jingħata fondi biex isiru proġetti tal-Kunsill relatati mas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux u Ġnien is-Serenita'. Huwa spjega kif waħda mill-applikazzjonijiet (*measure* 313) hija ffinanzjata kollha mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea u għandha l-għan li tinkoraġġixxi attivitajiet turistiċi. It-tieni applikazzjoni (*measure* 323) tikkonċerna r-restawr u l-konservazzjoni tal-proġett tas-sit arkeoloġiku. Dan il-proġett huwa stmat li jiswa €488,830.00 b' *co-financing* ta' 10% tan-nefqa totali u l-VAT fuq il-proġett kollu. Il-Kunsill ser ikun qed jissottometti applikazzjoni għal *co-financing* għal dan il-proġett.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2009 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TNEJN,
22 **ta'** ĠUNJU, **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**